

32004L0088

8.9.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 287/5

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2004/88/KE**tas-7 ta' Settembru 2004****li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE, dwar prodotti kosmetiċi, għall-iskop li jiġi addattat l-Anness III tagħha għall-progress tekniku****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward prodotti kosmetiċi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Xjentifiku dwar il-Prodotti Kosmetiċi u Prodotti Mhux ta' l-Ikel maħsuba għall-Konsumaturi,

Billi:

- (1) Minħabba li l-istima tar-riskju ma kinitx tlestiet skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) 793/93 dwar l-evalwazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti ⁽²⁾, il-perjodu ta' l-inklużjoni fit-2 Parti ta' l-Anness III tad-Direttiva 76/768/KEE għall-*musk xylene* u l-*musk ketone* ġie estiż sat-30 ta' Settembru 2004.
- (2) Fit-8 ta' Jannar 2004, il-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent addotta opinjoni dwar ir-riżultati ta' l-istima tar-riskju tal-*musk xylene* u l-*musk ketone* li saret skond ir-Regolament (KEE) 793/93.
- (3) Il-Kumitat Xjentifiku dwar il-Prodotti Kosmetiċi u Prodotti Mhux ta' l-Ikel (SCCNFP) ikkonferma li l-*musk xylene* jista' jintuża b'sigurtà fil-prodotti kosmetiċi, minbarra l-prodotti tal-kura orali, sa konċentrazzjoni massima fil-prodott finali ta' 1% fil-fwieħa fina, 0.4 % fl-eau de toilette u 0.03 % f'prodotti oħrajn u li l-*musk ketone* jista' jintuża b'sigurtà fil-prodotti kosmetiċi, minbarra l-prodotti tal-kura orali, sa konċentrazzjoni massima fil-prodott finali ta' 1.4 % fil-fwieħa fina, 0.56 % fl-eau de toilette u 0.042 % f'prodotti oħrajn.
- (4) Għalhekk huwa meħtieġ illi l-*musk xylene* u l-*musk ketone* jiġu inklużi fl-1 Parti ta' l-Anness III tad-Direttiva 76/768/KEE filwaqt li r-reġistrazzjonijiet korrispondenti fit-2 Parti ta' dak l-Anness għandhom jiġu mħassra.
- (5) Id-Direttiva 76/768/KEE għandha tiġi emendata f'dan is-sens.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Kosmetiċi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness III tad-Direttiva 76/768/KEE huwa emendat skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 2004. Għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella tal-korrezzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jaddottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom riferenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali riferenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula f'Brussel, nhar is-7 ta' Settembru 2004.

Għall-Kummissjoni

Olli REHN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169. Direttiva kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 2003/83/KE (ĠU L 238, 25.9.2003, P.26).

⁽²⁾ ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

ANNEX

L-Anness III tad-Direttiva 76/768/KEE huwa emendat kif ġej:

- 1) Fit-2 Parti, in-noti taħt in-numri ta' riferenza 61 u 62 huma mħassra.
- 2) Fl-1 Parti, dawn in-noti li ġejjin huma miżjuda bħala numri ta' riferenza 96 u 97:

Numru ta' Riferenza	Sustanza	Restrizzjonijiet			Kundizzjonijiet ta' l-użu u twissijiet li għandhom ikunu stampati fuq it-tikketa
		Qasam ta' applikazzjoni u/jew użu	Konċentrazzjoni massima awtorizzata fil-prodott kosmetiku lest	Limitazzjonijiet u rekwiżiti oħrajn	
a	b	c	d	e	f
"96	Musk <i>xylene</i> (CAS Nru 81-15-2)	Il-prodotti kosmetiċi kollha, ħliet għall-prodotti tal-kura orali	(a) 1,0 % fil-fwieħa fina (b) 0,4 % fl-eau de toilette (c) 0,03 % f'prodotti oħrajn		
97	Musk <i>ketone</i> (CAS Nru 81-14-1)	Il-prodotti kosmetiċi kollha, ħliet għall-prodotti tal-kura orali	(a) 1,4 % fil-fwieħa fina (b) 0,56 % fl-eau de toilette (c) 0,042 % f'prodotti oħrajn		